Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 177 / 2019**

**Appell Numru: 178 / 2019**

**Appell Numru: 179 / 2019**

Il-Pulizija

vs

**Edward Grech**

**Anne Axiak**

**Abdullahi Jamale Hassan**

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti **Edward Grech**, detentur tal-karta tal-identita' 569283M; **Anne Axiak**, detentrici tal-karta tal-identita' numru 65971M; u **Abdullahi Jamale Hassan,** detentur tal-karta tal-identita' 43988A, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-inhawi tal-Marsa u f'dawn il-Gzejjer, fl-24 ta' Ottubru 2018 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, u/jew fil-granet ta' qabel f'hinijiet differenti:-

a) Kellkom fil-pussess taghkom il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uuz esklussiv taghkom;

Lil Abdullahi Jamale Hassan wahdu talli:-

b) Tali nhar l-24 ta' Ottubru tas-sena 2018, ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija (17:00hrs) kellek fil-pussess tieghek arma projbita, u cioe' ponn tal-hadid, kontra d-disposizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) U aktar talli sirt recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr F. Depasquale LL.D nhar il-21 ta' Lulju 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-LIgi rordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Gunju, 2019 fejn il-Qorti fil-konfront ta' **Edward Grech** wara li rat l-artikoli 8 (d), 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal sittax-il (16) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000);

Fil-konfront ta' **Anne Axiak** wara li rat l-artikoli 8 (d), 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u u ikkundannata ghal erbatax-il (14) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu

jitnaqqas il-perjodu li ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000);

Fil-konfront ta' **Abdullahi Jamale Hassan** wara li rat l-artikoli 8 (d), 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3 u 51 (1) (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri – u ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000).

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hatja jhallsu l-ammont ta' €824.03 kull wiehed, ammontanti ghal total ta' €2,472.08 rapprezentanti l-hlas tal-esperti nominati.

Il-Qorti ordnat l-konfiska tal-ponn tal-hadid[1] ezebit in atti kif ukoll tal-ammont ta' €3,300 ezebiti in atti favur il-Gvern ta' Malta.

Ordnat r-rilaxx tal-mowbajls ezebiti in atti.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga ezebita in atti[2] hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

---

[1] Dok CW2

[2] Evidence bag P04437150 imsemmi fir-rapport Dok GS 1

Rat ir-rikors tal-appellanti Edward Grech minnu pprezentat fid-26 ta' Gunju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha, Tħassar u tirrevoka sentenza appellata u tillibera lil appellanta min kull htija u piena, u f' kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti tkun tal-fehma li ghandha tichad l-ewwel zewg aggravji tal-appellant, Tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta, illi tirrispekkja l-fatti tal-kaz odjern.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) u ghaldaqstant qieghed jinterponi dan l-umli appell ghal-kunsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali;

**1. Nuqqas ta' Akkuzi kontra Raymond Grech u mankanza tal-aqwa prova**

Illi hekk kif inghad qabel l-unika persuna li ma gietx akkuzata li kien partecipi fir-reati odjerni huwa Raymond Grech, missier l- appellant Edward Grech;

Illi mix-xiedha ta' Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta, gie ikkonfermat li l-vettura hija registrata fuq Raymond Grech u li kienet ilha hekk registrata sa mis-sena elfejn u tlettax (2013);

Illi fix-xhieda tieghu l-Ispettur Spiridione Zammit jghid li Raymond Grech kien ghadu taht investigazzjoni waqt li l-akkuzati l-ohra kienu tresqu il-Qorti;

Illi meta wiehed jifli l-atti u l-evidenza, jibqa' kemxejn perpless kif Raymond Grech ma kienx akkuzat, minhabba l-fatt illi l-appellant Edward Grech, kellu l-istess involviment identiku ghal dak ta' missieru Raymond Grech, hekk kif jirrizulta mill-atti kif wkoll mill-filmati ezebiti permezz ta' CCTV;

Illi dan iffiser li gialadarba l-appellant u Raymond Grech, mil-evidenza prodotta hemm ic-certezza li qatt ma kienu il-boghod min xulxin, maghdud mal-fatt li l-Qorti ma emmintx lil appellant dwar il-konoxxenza jew ahjar in-nuqqas taghha tad-droga,

ma tezisti ebda raguni logika ghalfejn ghandu jkun hem differenza la fl-investigazzjoni u wisq anqas fis-sussegwenti proceduri u piena bejn il-missier u l-iben;

Illi dan l-agir tal-prosekuzzjoni juri li kien hemm provi aktar li ma gewx prezentati fil-kawza, li b'xi mod skulpaw jekk xejn lil Raymond Grech, izda pero la darba ma gewx prezentati d-difiza ma kelliex l-opportunita' li tevawla tali prova sabiex tkun tista' tindika jekk tali provi huwiex ta' beneficju ghal-appellant jew jekk tali involvement tal-istess Raymond grech kienx wiehed li seta' xehet dawl ahjar fuq l-involviment o meno tal-appellant Edward Grech;

Illi dan mhux qieghed jinghad biex jintefa dawl ikrah fuq il-Prosekuzzjoni, 'zda kif inghad qabel huwa ftit preokupanti dan l-agir ghax jhalli dubju jekk l-provi kollha ghad-dispozizzjoni tal-Pulizija gewx effettivament prezentati ;

Illi di piu' dan huwa prospettat aktar u aktar, meta la fil-mori tal-proceduri u wisq anqas fit-trattazzjoni tal-istess abbli Prosekutur bl-ebda mod, ma setghat tingieb raguni logika ghalfejn l-imputat qua appellant Edward Grech ghandu jinstab hati tal-akkuza hekk kif dedotta, hlief illi per konvenjenza, gie interpretat illi kien l-mohh wara din l-allegata droga lesta biex tigi spacciata;

Illi stante illi dan huwa l-kamp penali u ghalhekk huwa mehtieg illi tingieb mhux biss l-aqwa prova izda ukoll illi l-provi jkunu dawk li jindikaw illi mhemm l-ebda ombra ta' dubju dettat mir-raguni, illi l-appellant kellu xi involvement fil-pussess tad-droga misjuba Kannabis, illi nstabet fil-vettura tieghu, zgur illi dawn il-principji ferm familjari u abbraciati fis-sistema penali nostrana ma jistghux jigu kkunsidrati bhala riflessi fis-sentenza hekk kif pronunzjata mill-ewwel Onorabbli Qorti, aktar u aktar meta f' din l-istess Vettura mhux biss kien hemm l-appellant, izda sahansittra il-ko-akkuzati u l-istess Raymond Grech, ghajr ghal xi persuni mhux maghrufa illi avvicinaw din l-istess vettura izda qatt ma gew prodotti mill-prosekuzzjoni sabiex b'

hekk jingiebu l-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra l-appellant, kif inhu spettat mill-istess Prosekuzzjoni;

Illi biex jintefa' aktar melh fuq il-ferita, f' da nil-kaz anqas instabu impronti u/jew kwalunkwe' oggetti relatti ma' din l-istess droga li japaprtjenu lill-appellant b' differenza ghall-koakkuzati l-ohra, u dan hekk kif ppruvat u kkonfermat mill-esperti mahtura fl-inkjesta;

Illi ictu oculi minn pagni 15 u 16 tas-sentenza appellate, jidher bic-car illi l-Ewwel Onorabbli Iddiskredita lill-appellant sempliciment minhabba dak li jidher fic-CCTV. Illi ghalkemm l-appellant jidher hiereg u diehel mill-vettura, kif ukoll ghalkemm l-appellant jidher fil-prezenz ata' terzi bl-ebda mod ma dan jista' jitqies bhala l-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali u dan stante illi;

A. L-appellant fl-ebda hin ma kien u/ jew jidher wahdu;
B. Fl-ebda hin ma l-appellant jaghmel xi movement indikattiv jew alalcjat mad-droga hekk kif misjuba;
C. Fl-ebda hin ma gie ppruvat x' kien l-involviment ta Raymond Grech fil-vettura u/jew tal-persuni li jidhru javvicinaw din il-vettura;
D. Illi l-uniku persuna illi instabu fuqu il-flus u ponn tal-hadid, bhala arma regolari, kien biss il-ko-imputat Abdullahi Jamale Hassan, liema droga ghandu jinghad instabet taht is-seat tieghu (tal-passiggier fejn kien bilqeghda);

Illi ghakemm, huwa maqbul illi l-Qorti ghanha tezercita' d-diskrezzjoni taghha kemm fl-interpretazzjoni u kif ukoll fid-decizjoni taghha, zgur illi huwa principju mhux ribadut illi tali diskrezzjoni trid tkun msejsa minn ragunijiet b' sahhithom, essenzjali fil-process kriminali, liema ragunijiet fil-kaz odjern kienu mankanti u minghajr ebd argauni cara u inekwivoka.

**2. Zball fir-rapport Komparattiv tal-espert in kwantu jikkoncerna l-impronta;**

Illi l-espert mahtur, identifika l-impronti mehuda seduta stante bl-inizzjali tal-persuna akkuzata;

Illi filwaqt li jikkonkludi li wiehed mil-impronti misjub huwa tal-appellanta Anne Axiaq, pero' fil-konkluzjoni jghid li l-impronti mmarkati bhala "AA" jaqblu mal-impronti elenkati ta' Edward Grech;

Illi tali zball jhalli dubju ragonevali jekk l-ezami sarx b'mod adegwat, inoltre' dato ma non concesso li dan kien zball genwin l-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba sabiex jigi kkoregut, kwindi l-Qorti kienet rinfaccata b'dan id-dubju li, bid-dovutt rispett l-Qorti tal-Magistrati kellha tindirizza zda pero li dan ma sarx;

Illi qieghed jigi rilevat li tali zball huwa sufficjenti sabiex jitfa' dubju serju dwar l-ezami li sar, b'rizultat li tali rapport ma jissodisfax l-livell tal-prova rikjest mil-ligi;

**3. Piena Eccessiva**

Illi dan l-appell qieghed isir minghajr ebda pregudizzju ghall-aggravji sucitati;

Illi l-piena inflitta, tenut kont tac-cirkostanzi, li ser jigi ndikati aktar l-quddiem hija wahda eccessiva;

Illi l-fedina penali tal-appellanta hija wahda kwazi netta u zgur ma jistghax jinghad illi l-appellant huwa ta' karattru refrattarju , u tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, l-appellant jemmen li l-piena ta' habs effettiv ta'sittax (16) il- xahar hija wahda eccessiva, anke meta kkumparat mac-cirkostanzi tal-ko-akkuzati l-ohra;

Illi s-socjeta Maltija f'dawn fil-passat ricenti, dejjem sostniet favur il-gustizzja riparattrici u riformattiva , fejn persuna li zbaljat tinghata cans sabiex tkun tista'

tintegra fis-socjeta mil-gdid, u kwindi minflok tkun rinnegata tiehu rwol attiv ghat-titjieb tal-hajja gewwa pajjizna, u dan ghandu japplika ghal-kull reat kommess, kwindi jemmen li l-piena nflitta' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, kwindi tenut kont tas-suindikat l-appellant umilment huwa tal-fehma li ghandu jinghata sentenza fil-minimu permess mil-ligi;

Ikkunsidrat;

Illi in breve, l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi PC 71 Aryton Agius Difesa u PC 1406 Kurt Rizzo stazzjonati l-RIU kienu qeghdin jaghmlu ronda bil-vettura tas-servizz fi Triq Patri Felicjan Bilocca il-Marsa meta lemhu vettura tal-ghamla Peugeot 205 ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni IAP 643 b'erba' (4) persuni go fiha pparkjata b'mod irregolari fil-genb tat-triq[3];

2. Illi skont PC 71 Aryton Agius Difesa dawn il-persuni qishom dehru mahsuda kif rawhom ser iduru u ghalhekk kif kienu ser jirriversjaw, mar fuq wara l-vetttura u imblukkahom ghax gieh suspett li kellhom xi haga llegali fuqhom;

3. Fil-vettura kien hemm Raymond Grech, Jamale Hassan Abdullahi, Edward Grech u Anne Axiaq;

4. Illi waqt din it-tfittxija irrizulta li fuq din il-persuna ta' Jamale Hassan Abdullahi instabu tlett' elef u tlett mitt ewro (€3,300) flus kontanti[4] u arma li tissejjah 'ponn tal-hadid';

[3] Skont ix-xhieda ta' PC 71 Aryton Agius Difesa u PC 1406 Kurt Rizzo moghtija fl-atti tal-inkjesta quddiem Dottor Anthony Cutajar LL.D.

[4] Skont ir-relazzjoni ta' Dottor Anthony Cutajar LL.D fl-atti tal-inkjesta

5. PC 1406 Kurt Rizzo xehed li Jamale Hassan Abdullahi beda jsir aggressiv meta talbu li jaghtih il-flus u l-ponn tal-hadid;

6. Fil-karozza taht is-sedil tal-passigier ta' quddiem[5] fejn instab bilqieghda Jamale Hassan Abdullahi, nstabet borza sewda li kien hemm bicciet tal-pjanta Cannabis;

7. Illi l-Prosekuzzjoni resqet il-Qorti lil Edward Grech u Anne Axiaq li kienu passigieri fis-seat ta' wara u lil Jamale Hassan Abdullahi li kien passigier fis-seat ta' quddiem izda ma ressqitx lil Raymond Grech missier Edward Grech li kien ix-xufier u cioe' li instab fis-seat tax-xufier;

8. Illi l-Ewwel Qorti sabet lill akkuzati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Illi t-tlett imputati appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Din il-Qorti sejra tibda billi tqis l-appell ta' **Anne Axiaq**. L-ewwel aggravju taghha jirrigwarda n-nuqqas ta' akkuzi kontra Raymond Grech u l-ahjar prova. L-appellanta tissottometti li l-unika persuna li ma gietx akkuzata li kien partecipi fir-reati odjerni huwa Raymond Grech u cioe' missier l-akkuzat Edward Grech. Tissottometti li mix-xhieda ta' Stephen Cachia rapprezentant ta' Transport Malta gie kkonfermat li l-vettura in kwistjni hija registrata fuqu u cioe' fuq Raymond Grech. Li l-Ispettur Spiridione Zammit jghid li Raymond Grech kien ghadu taht investigazzjoni waqt li l-akkuzati l-ohra kienu tressqu l-Qorti. Tissottometti li meta wiehed jifli l-atti u l-evidenza, tibqa' kemxejn perpless kif Raymond Grech ma kienx akkuzat, minhabba l-fatt li l-unika evidenza kontra l-appellanta hija l-fingerprint fuq il-borza ta' barra tad-droga u l-interpretazzjoni li l-Qorti tat lil filmati tac-CCTV. Li la l-appellanta u Raymond Grech ma kienux il-boghod minn xulxin u l-Qorti ma emmnitx li l-appellanta dwar il-konnoxxenza taghha tad-droga minhabba l-fingerprint, dan ifisser li bilfors li f'xi moment Raymond Grech ra lil Anne Axiaq tmiss id-droga. Li skont l-appellanta, l-

[5] Uhud mix-xhieda xehdu li l-borza instabet taht is-seat tal-passigier ta' quddiem u xhieda ohra xehdu li l-borza instabet taht it-tapit tal-passigier ta' quddiem.

unika prova addizzjonali minn ta' Raymond Grech hija l-impronta digitali, li tali prova hija cirkostanzjali u mhux inekwivoka. Skont l-appellanta l-agir tal-prosekuzzjoni juri li kien hemm provi aktar li ma gewx prezentati fil-kawza li b'xi mod skagonaw lil Raymond Grech izda li la ma gewx ipprezentati, id-difiza ma kelliex l-opportunita' li tevalwa tali prova sabiex tindika jekk tali prova hijiex ta' beneficcju ghall-appellanta. L-appellanta tissottometti li ghandha dubju jekk il-provi kollha ghad-dispozizzjoni tal-Pulizija gewx effettivament prezentati.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-appell ta' Anne Axiaq huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[6]:

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[7]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [8]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[9]"; "**Il-Pulizija vs.***

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar l-14 ta Frar, 1989

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nh ar il-31 ta Mejju, 1991

***Anthony Zammit***[10]*" u ohrajn .)*' (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna)

Ikkunsidrat ukoll:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* ***LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY*** *fil-kawza "****R. v. Cooper****"*[11] *(in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-*

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).' (Emfazi mizjuda)

Ghalhekk din il-Qorti sejra tqis jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellanta u cioe' jekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti hijiex safe and satisfactory. L-appellanta tilmenta dwar kif Raymond Grech ma tressaqx quddiem il-Qorti gialadarba huwa kien ix-xufier u li l-vettura kienet registrata fuqu. Filfatt mill-provi jirrizulta li l-vettura in kwistjoni fil-hin meta twaqqfet mill-Pulizija kienet qieghda tinstaq minn Raymond Grech u li filfatt il-provi jikkonfermaw li l-vettura hija registrata f'ismu. L-Ispettur Spirdione Zammit fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*certu Raymond Grech li kien qieghed isuq vettura Peugeot 205 numru ta' registrazzjoni IAP 643.*' Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li l-vettura

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appellli Kriminali nhar il-31 ta Mejju, 1991

[11] [1969] 1 QB 276

bin-numru ta' registrazzjoni IAP643 tal-ghamla Peugeot 205 ta' kulur abjad hija registrata fuq Raymond Grech detentur tal-karta tal-identita' 177955M u li ilha registrata mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). Dan huwa kkonfermat ukoll minn Dok SC a fol 53 et sequitur. L-Ispettur Wayne Camilleri fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjega li '*rigward Raymond Grech li nstab maghhom s'issa minn investigazzjoni li saret s'issa rrizulta li ma kienx jaf fuq x'ha jigri u ma kellux x'jaqsam. Pero' bhalissa qieghed fuq Police Bail halli jekk jirrizulta evidenza ohrajn li hu kien konness ukoll pero' s'issa m'ghadnix.*' L-Ispettur Spiridione Zammit fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*ahna hemmhekk rigward Raymond Grech ghad hemm investigazzjoni ghaddejja fuqu fis-sens inghata Police Bail ghalissa, ghad hemm investigazzjoni u xi punti li nixtiequ nistabbilixxuha ghadhom ghaddejjin u ghalissa ghadu mhux imressaq il-Qorti.*'

Minn dak li jirrizulta mill-atti ma jidhirx li Raymond Grech tressaq il-Qorti b'akkuzi relatati ma dan l-akkadut. L-Ispettur Wayne Camilleri fix-xhieda tieghu tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed ukoll li '*fi ftit kliem irrizulta li Raymond Grech li huwa s-sid tal-karozza jikkoncernata kien qed isuq il-karozza, kien ghadu kemm wassal lil Edward Grech u lil Anna Axiak id-Detox u wara qalulu biex jinzel sal-Marsa biex wassalhom hemmhekk fejn umbaghad iltaqghu ma' Jamale Hassan Abdullahi.*' Fit-trattazzjoni orali tal-Ispettur Spiridione Zammit quddiem l-Ewwel Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) qal ukoll li '*qed nibqghu nghidu ahna l-Pulizija setghat resqet lil kulhadd, lanqas ghadna dubbju fuq il-karozza, il-karozza jitla' hux hekk rapprezentant ta' Transport Malta fejn il-vettura tghajjat fuq Raymond Grech huwa missier Edward Grech. Imma ahna mill-investigazzjoni u minn hekk irrizult ali dan ma kien jaf xejn biha. Setghat ghazlet il-Pulizija u resqitu wkoll ghax kien fil-karozza. Imma le ma kienx jaf. L-imhuh huma, l-imhuh huma Edward Grech u Abdullahi Sinjura Magistrat.*' Din il-Qorti bl-ebda mod ma hija tghid li kellu jitressaq ukoll Raymond Grech izda l-Prosekuzzjoni setghet provdiet aktar provi dwar kif waslu ghal konkluzjoni ta' min kienu l-imhuh wara dan l-allegat reat. Il-Prosekuzzjoni ma provdiet l-ebda informazzjoni dwar kif iddeciediet li ma tressaqx

lil Raymond Grech minkejja l-fatt li kien prezenti u kien is-sewwieq tal-vettura registrata f'ismu. Madankollu, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa l-appell ta' Anne Axiaq u ghalhekk trid tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti setghet issib htija u ghalhekk il-fatt li Raymond Grech ma jirrizultax li tressaq flimkien mal-imputati l-ohra l-Qorti, ma jiskagunax lill Anne Axiaq mill-htija. Il-Prosekuzzjoni hija tenuta li tressaq il-provi kollha kemm favur u kemm kontra u ghalkemm la darba l-Prosekuzzjoni iddecidiet li ma tressaqx lil Raymond Grech setgha kellha xi provi ulterjuri abbazi ta' liema iddeciediet dan, izda dan huwa biss suspett tal-appellanta u ghalhekk ma jirrizultax pruvat li kien hemm provi li ma tressqux mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-kumplament tal-aggravji ta' Anne Axiaq.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta tissottometti ukoll li jidher li l-evidenza li kkonvinciet lil Qorti tal-Magistrati sabiex issib htija fl-appellanta huwa minhabba l-interpretazzjoni li tat ghal dak li deher fil-filmat kif wkoll fingerprint uniku fuq il-borza ta' barra li kien fiha id-droga cannabis. Li l-appellanta iddikjarat li lil Abdullahi kienet tafu fil-limiti ta' konoxxent, li kienet bilqieghda wara flimkien ma Edward Grech u Abdullahi u li skont kif esperjenzat hi, iltaqghu ma Abdullahi b'kubinazzjoni. Li skont l-appellanta huwa ragonevoli li persuna ma tiftakarx dak kollu li ghaddiet minnu f'dawk il-mumenti u ftit qabel stante li persuna innocenti ma toqghodx taghmel elenku jew tiehu noti ta' xi jkun gara waqt il-gurnata ghal li jista' jkun il-Pulizija jidhrilha li ghandha tarrestaha, u li dan zgur ma jkunx agir normali. Tissottometti li mill-filmati CCTV jidher car li Abdullahi f'mument minnhom kien bilqieghda hdejn l-appellanta wara s-sewwieq hekk kif qalet l-appellanta fi spazju ristrett u kif jidher mir-ritratti tal-Ufficjali tal-Forensika u li f'hin minnhom Abdullahi mar fuq is-seat ta' quddiem bhala passigier, ezatt fejn instabet id-droga. Li skont l-appellanta, l-unika mument li setgha kien hemm kuntatt bejn il-borza ta' barra sewda tad-droga u seba tal-appellanta huwa fil-mument li kienu bilqeghda flimkien, b'mod inkonsapevoli minhabba li probabli d-droga f'dak il-mument kienet fil-butt tal-gakketta ta'

Abdullahi. Li l-vettura hija zghira u tlett persuni fuq wara joqghodu marsusin. Li skont l-appellanta, dan huwa sopportat mill-inklinatura tal-impronta misjuba, liema prova taqbel mal-verzjoni li tat l-appellanta, mill-evidenza fotografika u testimonjanza tal-Ufficjali tal-Pulizija.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tibda billi tqis l-istqarrija rilaxxata minn Anne Axiaq li tinsab a fol 24 et sequitur. Din giet rilaxxata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) izda ma gietx iffirmata mill-appellanta. Meta mistoqsija '*Lil certu Jamale Hassan Abdullahi il-persuna li kien mieghek mal-kunjatu tieghek, mal gharus tieghek fil-karozza ta' ilbierah, tafu, ujekk iva kif tafu?*' wiegbet '*ma nafux.*' Cahdet li lbierah ghajtitlu b'ismu. Ma tiftakarx jekk rikbuh mill-Gzira hi u l-gharus taghha gimghajtejn qabel. Cahdet li tiehu droga u qalet li ma kienux qed ibieghu droga. Ma tiftakarx fejn kienu qabel ma arrestawhom l-pulizija u l-pipa qalet li sabita u qatt ma pejpitha. Abdullahi kien ilu maghhom ghoxrin (20) minuta qabel ma arrestawhom. Mistoqsija '*Il-karozza meta kienet qed tinstaq qabel, abdullahi kien maghkom?*' wiegbet '*konna ghadna kemm rikkibnih.*' Ma tatx kaz kellux boroz f'idejh u kkonfermat li l-kunjatu kien qieghed isuq il-karozza. Lil kunjatu rikbuh mid-dar il-Fgura u kien hemm l-gharus taghha. Cahdet li gieli bieghet droga. Ma taf xejn fuq il-flus li sabu fuq Abdullahi. L-appellanta Anne Axiaq ghazlet li tiehu l-pedana tax-xhieda fl-erbgha u ghoxrn (24) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019). Spjegat li kienu hi, Edward, Hassan u missier Edward. L-ewwel kienu tlieta jigifieri hi, Edward u missieru u umbghad ghabbewh. Il-vettura hi ta' missier Edward, kienu sejrin l-isptar minhabba l-mistura u ltaqghu ma' Hassan u talabhom lift izda '*dak il-hin ma tajtx sew kas fejn ried imur.*' Hi kienet bilqeghda fin-nofs fis-seat ta' wara. Edward kien ma gemba u missieru kien qieghed isuq. Edward kien fuq in-naha tax-xellug. Edward kien fuq quddiem umbaghad gie fuq wara hdejha ghax telghu wiehed habib ta' Hassan u Hassan pogga wara. Hassan ma talabhom xejn u lanqas ntalab xejn min naha ta' Hasan. Lil Jamale ftit kienet tafu minn wiccu. Ma tiftakarx minn fejn ghaddew biex imorru ghal mistura u ghabbewh. Tkellmu max-xufier u hi ma tafx

fejn kellhom imorru. Waqfu l-Marsa jistennewh u kif kien gej lura Hassan daruhom il-Pulizija. Tghid li kien qalilhom biex jistennewh ftit. In kontro-ezami regghet qalet li ma tafux sewwa lil Hassan, gieli ratu u gieli kelmitu naqra '*perezempju narah u nghidlu caw hekk.*' Insistiet li ma kinitx taf bid-droga u ma tafx tispjega kif sabu l-fingerprints taghha. Ma messietx droga u ma kintix taf biha. Ma missietiex, lanqas lilha ma rat. Lanqas lil Edward jew Abdullahi ma rathiex b'ghajnejha d-droga. Meta mistoqsija '*Inkunu qed nghidulek sew li f'dan il-kas inti u shabek Edward u Abdullahi kontu qeghdin flinhawi tal-Marsa u ftit hinijiet qabel ukoll f'postijiet ohra biex dik id-droga ssibu lil min tbieghuha.*' wiegbet '*Jiena ma nafx biha.*' In ri-ezami qalet li d-droga ratha l-ewwel darba meta harguha l-Pulizija minn taht is-seat. Fuq wara kien hemm Edward, hi u Hassan. Qalet li karozza zghira, kienu mgezzin, wara tlieta (3) zghira l-karozza.

Fir-relazzjoni ta' Joseph Mallia immarkat bhala Dok JM tnizzel li '*Illi l-formola tal-impronti digitali ta' Anne Axiak giet iddokumentata bħala dokument AA 1 u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn bħala dokument AA 2.*' L-espert ikkonstata li '*l-esponent għamel eżami komparattiv bejn ir-ritratt tal-impronta dokument 18 CKX-C-SG 2 u l-formola tal-impronti digitali dokument AA 1 u l-formola tal-marki tal-pali tal-idejn dokument AA 2 ta' Anne Axiaq, detentriċi tal-karta tal-identita numru 65971(M), u rrizulta illi din l-impronta taqbel pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba taċ-ċurkett tal-id il-leminija tal-istess Anne Axiak.*' 'F 5' f'dan ir-rapport huwa '*Ritratt li juri l-marka tas-saba taċ-ċurkett (roled impression) tal-id il-leminija ta' Anne Axisak, detentriċi tal-karta tal-identita numru 65971 (M), meħud minn fuq il-formola tal-marki tal-impronti digitali, dokument AA 1.*' Waqt li 'F 6' huwa '*Ritratt li juri l-marka tas-saba taċ-ċurkett (plain impression) tal-id il-leminija ta' Anne Axiaq denentriċi tal-karta tal-identita numru 65971 (M), meħud minn fuq il-formola tal-marki tal-impronti digitali, dokument AA 1.* ' Filwaqt li 'F 8' huwa '*Ritratt li juri ngrandiment ta' parti mill-marka tass-saba taċ-ċurkett (plain impression) tal-id il-leminija ta' Anne Axiak, detentriċi tal-karta tal-identita numru 65971 (M) meħud minn fuq il-formola tal-impronti digitali, dokument AA 1, għall-fini tal-eżamijiet komparattivi rikjesti.*' Gie kkonstatat ukoll li '*Il-linji suwed juru erbatax (14) il-punt karatteristiku identiku u ko-ordinsti ma' xulxin, bejn l-ingrandiment tal-impronta dokument 18 CKX-C-*

*SG 2, u l-ingrandiment ta' parti mill-marka tas-saba taċ-ċurkett (plain impression) tal-id il-leminija ta' Anne Axiak, detentriċi tal-karta tal-identita numru 65971 (M) meħud minn fuq il-formola tal-impronti digitali, dokument A 1. It-tikek ta' lewn aħmar jur satx (19) il-punt karatteristiku identiku u ko-ordinati ma' xulxin bejn l-ingrandiment tal-istess impronti, taħt eżami.*' Wahda mill-konkluzjonijiet ta' dan ir-rapport huwa li '*l-impronta li tidher żviluppata fir-ritratt dokument 18 CKX-C-SG-2 giet ikkomparata pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba taċ-ċurkett tal-id il-leminija (plain impression) ta' Anne Axiak, detentriċi tal-karta tal-identita numru 65971(M)*'.

Ghalhekk jirrizulta li skont ir-relazzjoni ta' Joseph Mallia, instabet impronta digitali tas-suba' tac-curkett ta' id il-leminija tal-appellanta Anne Axiaq fuq il-borza s-sewda. F'din il-borza skont dak li jirrizulta minn fol 133 u cioe' ir-relazzjoni ta' WPC 363 Caroline Meilak u PC 302 B. Alken senjatament a fol 133 jirrizulta ritratt bir-referenza '181636-18CKX 116' tal-kontenut tal-borza. Jirrizulta li fil-borza s-sewda kien hemm bicciet ta' allegata droga Cannabis flimkien ma boroz b'aktar bicciet tas-suspettata cannabis. Dok 18 CKX 1 a fol 122 huwa deskritt bhala '*Borza tal-plastik sewda, kontenti zewg boroz tal-plastik trasparenti li fihom sustanza suspettata droga kif ukoll tlett bicciet ta' sustanza suspettata droga gewwa l-borza sewda flimkien mal-boroz.*' L-Ixjenzat Godwin Sammut iddeskriva '*Evidence bag bin-numru P04437150 li kien fih baskett tal-plastik ta' lewn iswed li kien fih buds ta' lewn ħodor u boroż tal-plastik li kien fihhom ukoll buds ta'lewn ġodor. Il-boroż tal-plastik ġiet mogħtija li PC 169 J. Schembri.*' L-ixjenzat ikkonkluda li '*fuq estratti meħuda mill-buds li hemm fid-dokument 265_18_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piż total tal-buds kien ta' 76.40 grammi u l-purita' ta' THC kienet ta' ċirka 20%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*' Fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-Ispettur Wayne Camilleri prezenta '*pipa li hija wkoll keychain li go fiha jidher li hemm xi sustanza sabiex tintuza*' li instabet fuq Anna Axiaq u esebiha bhala dokument CW3. A fol 219 l-Ixjenzat Godwin Sammut ikkonkluda li '*fuq estratt meħuda mill-pipa li hemm fid-dokument 007_19_01 ma' nstabux sustanzi illeċiti.*'

Ghalhekk dak li jirrizulta huwa li l-borza s-sewda li fuqha instabet l-impronta tal-appellanta kien fiha buds tal-pjanta tal-kannabis u kien fiha ukoll boroz trasparenti b'aktar buds tal-pjanta kannabis. Mill-atti jirrizulta li l-impronta instabet fuq il-borza ta' barra u cioe' l-borza s-sewda. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk din il-prova hijiex bizzejjed biex tinstab htija. L-Ewwel Qorti wara numru ta' konsiderazzjonijeit sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Din il-Qorti ma temminx li t-tlett imputati iltaqghu kumbinazzjoni, tqis li Anne Axiaq kienet gieli iltaqghet ma Jamale nonostante dak li pruvat taghti x'tifhem fl-istqarrija li hija kontradetta mix-xhieda taghha stess. In oltre' hemm konflitt fil-verzjoni ta' fejn iltaqghu ma' Jamale Hassan Abdulahi u cioe' iltaqghu mieghu l-Marsa stess fejn twaqfu mill-Pulizija fejn allegatament talabhom lift lejn il-Gzira jew jekk iltaqghux mieghu l-Gzira u wasluh l-Marsa. Dan il-konflitt jirrizulta anke mill-fatti imnizzla fit-tlett appelli. Ghalkemm l-appellanta telghet tixhed baqghet ma spjegatx x'kienet qieghda taghmel il-vettura tistenna ghal tul ta' hin. In-normalita hi li jekk persuna tkun go vettura ghal certu hin tkun taf ghala qieghda hemm u x'qed tistenna taghmel. Il-fatt li instabet impronta digitali fuq il-borza s-sewda li fiha kien hemm id-droga hija prova cirkostanzjali izda li ser jigi kkunsidrat mhux f'kull kaz twassal ghal htija.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'</u>**[12] fejn gie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, <u>ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra</u> ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

*jmur favur l-imputat.*'

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**[13] ikkunsidrat:

'*Illi l-gurist* ***Ingliz Pollock C.B***[14] *jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfazi mizjuda)

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Paul Bond) kontra Jason Lee Borg u Alan Camilleri'**[15] fejn gie kkunsidrat li:

'*Illi dan l-argument tad-difiza tal-appellanti bla ebda mod ma jreggi l-ghaliex il-fatt li f'xi kaz ma ittiehdux il-finger prints, jew li ma ingiebitx il-prova tal-fingerprints, ma jfissirx b'daqshekk li l-prosekuzzjoni ma gabetxl-ahjar provi. Fil-fatt f'hafna kazijiet, ikun hemm provi ohra, ad eskluzjoni tal-fingerprints, li jkunu bizzejjed biex iwasslu lil Qorti li ssib htija fuq l-akkuzati. Il-prova tal-fingerprints qedha hemm biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni, u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova. Fejn hemm provi ohra cari u anke cirkostanzjali skond il-ligi, mhux necessarjament li ghandu bilfors ikun hemm ukoll il-prova tal-marki tas-swaba.*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawza numru: 83/2011)

[14] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Gunju, 1998 (Appell Numru: 128/97)

*Illi dan il-kaz, fil-fatt, jippernja fuq provi jew indizzji cirkostanzjali. Kif dejjem gie ritenut, tali provi ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal komkluzjoni li kien l-akkuzat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Noel Frendo'**[16] gie kkunsidrat li:

'*L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *[1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac- cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir- raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall- anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il- bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il- bieb ta' l-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Paul De Battista) kontra Emanuel Camilleri'**[17] gie kkunsidrat li:

'*Il-prova tal-fingerprint, f'dan il-kaz partikolari, kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprint wahedha tkun bizzejjed biex*

[16] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru, 2004 (Appell Kriminali Numru: 173/2003)

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1998 (Appell Numru: 44/97)

*il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuzat. Izda f' dan il-kaz, din hi l-unika hekk imsejjha prova cirkostanzjali li hemm fli-process, u kif inhi, prova cirkostanzjali wahda, minghajr indizji jew provi cirkostanzjali ohra maghha li jkunu univoki u konkordanti, qatt ma tista' tghamel prova konklussiva.'*

Din il-Qorti ghandha dubji kbar dwar il-kredibilita' tal-appellant bhal kif ghandha dubji dwar kemm it-tezi tal-appellanta li l-impronta taghha setghet giet fuq il-borza minhabba li kienet marsusa fuq is-seat ta' wara fejn f'xi waqtiet fl-appell taghha titfa r-responsabbilta' fuq il-ko-akkuzat Abdullahi Jamale Hassan li setgha kellu l-borza fil-but, tezi li xorta wahda ma tispjegax kif l-impronta taghha spiccat fuq il-borza jekk din allegatament skont dak li donna taghti x'tifhem l-appellanta kienet fil-gakketta tal-ko-akkuzat Jamale Hassan Abdullah. Din il-Qorti izda tenut kont tal-fatt li l-impronta instabet fuq il-borza ta' barra u cioe' il-borza s-sewda li kienet tikkontjeni droga u boroz ohra bi droga ma taqbilx li l-prova tal-fingerpint issigillat l-kaz tal-prosekuzzjoni, l-impronta instabet fuq il-borza ta' barra u ghalhekk anke jekk din il-borza intmessat mill-appellanta dan ma jfissirx li kienet konnoxenti ta' dak li kien hemm fil-borza u cioe' droga cannabis u lanqas ma tikkonferma li kellha fil-pussess taghha din id-droga. Minkejja li hemm ukoll il-filmat tac-CCTV u li ma jistax jinghad li l-appellanta kienet kredibbli kemm fit-twegibiiet taghha fl-istqarrija u anke fix-xhieda taghha moghtija quddiem l-Ewwel Qorti, id-dubji u suspetti ma ghandhomx lok fil-kamp penali. Il-fatt li baqa mhux spjegat x'kienet qieghda taghmel fil-vettura fuq wara ghal tul ta' hin f'vettura stazzjonata inkluz li l-konflitt dwar jekk tafx lil Jamale Hassan Abdullahi jew le, u jekk iltaqghux mieghu il-Marsa jew il-Gzira ma hijiex bizzejjed biex torbotha mar-reat. L-Ewwel Qorti fost kunsiderazzjonijiet ohra qieset li '*Mill-provi prodotti pero' l-versjoni moghtija mill-imputati hija kontradetta principalment minn dak li jirrizulta mic-CCTV fooage, minn fejn instabet id-droga u kif ukoll mill-impronta digitali.*' u li '*Huwa ferm inverosimili meta Anne Axiak tghid li kienu sejrin ghall-methadone u sabu ruhhom fic-centru tal-Marsa u dan anke billi mhiex it-triq solitament li tittiehed sabiex tasal ghad-Detox Centre.*'. Ikkunsidrat li '*m'hemm l-ebda spjegazzjoni li kien hemm limpronti digitali taghhom meta din kienet*

*mohbija tas-seat tal-passiggier*'u li ma jistghux jitwemmnu li ma kienux jafu bil-borza u bil-kontenut taghha. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li Anne Axiak u x-xufier ma hargux minn gol-karozza ghal tul ta' hin ma jistax jigi interpretat bhala li kellha fil-pussess taghha din id-droga u cioe' li din kienet taghha.

Din il-Qorti meta tqis il-provi kollha kontenuti fl-atti baqala dubju ragonevoli u cioe' 'lurking doubt' dwar kemm l-appellanta Anne Axiaq hija hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u ghalhekk ma thoss li s-sentenza appellata fil-konfront tal-appellanta hija safe and satisfactory. Tenut kont ta' dak kollu kkunsidrat, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra l-kumplament tal-appell ta' Anne Axiaq u cioe' dwar l-allegat zball fir-rapport komparattiv tal-impronti. Ghalhekk din il-Qorti sejra thassar u tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija fil-konfront ta' Anne Axiaq u konsegwentement thassar ukoll il-piena imposta.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-appell ta' **Edward Grech**. L-ewwel aggravju ta' Ewdard Grech jirrigwarda n-nuqqas ta' akkuzi kontra Raymond Grech u l-mankanza tal-aqwa prova. Jissottometti li l-unika persuna li ma gietx akkuzata li kien parteccipi fir-reati odjerni huwa Raymond Grech, missier l-appellant Edward Grech. Li mix-xheida ta' Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta gie kkonfermat li l-vettura hija registrata fuq Raymond Grech u li ilha registrata sa mis-sena elfejn u tlettax (2013). Li skont ix-xhieda tal-Ispettur Spiridone Zammit Raymond Grech kien ghadu taht investigazzjoni waqt li l-akkuzati tressqu l-Qorti. Li Edward Grech kellu l-istess involviment identiku ghal dak ta' missieru Raymond Grech kif jirrizulta mill-atti u mill-filmati esebiti permezz tac-CCTV. Li stante li mill-evidenza l-appellant u missieru Raymond Grech qatt ma kienu l-boghod minn xulxin, maghdud mal-fatt li l-Qorti ma emnitx lil appellant dwar il-konnoxxezja jew ahjar in-nuqqas taghha tad-droga, ma tezisti ebda raguni logika ghalfejn ghandu

jkun hemm differeza la fl-investigazzjoni u wisq anqas fis-sussegwenti proceduri u piena bejn il-missier u l-iben. Jissottometti li d-difiza ma kelliex l-opportunita li tevalwa provi tal-prosekuzzjoni li b'xi mod skulpaw jekk xejn lil Raymond Grech jew jekk tali involviment ta' Raymond Grech kienx wiehed li seta' xehet dawl ahjar fuq l-involviment o meno tal-appellant Edward Grech.

Jissottometti li fil-kamp penali huwa mehtieg li tingieb mhux biss l-aqwa prova izda ukoll li l-provi jkunu dawk li jindikaw li ma hemm l-ebda ombra ta' dubju dettat mir-raguni li l-appellant kellu xi involviment fil-pussess tad-droga kannabis li nstabet fil-vettura tieghu. Li sahansitra il-ko-akkuzati u l-istess Raymond Grech, ghajr ghal xi persuni mhux maghrufa li avvicinaw l-istess vettura izda qatt ma gew prodotti mill-prosekuzzjoni sabiex b'hekk jingiebu l-provi kollha kemm favur u kontra l-appellant. Li lanqas instabu impronti jew oggetti relatati mad-droga li jappartjenu lill-appellant b'differenza ghal ko-akkuzati l-ohra.

Li dwar il-filmat tac-cctv ghalkemm l-appellant deher hiereg u diehel mill-vettura, kif ukoll ghalkemm l-appellant jdher fil-prezenza ta' terzi bl-ebda mod ma dan jista' jitqies bhala l-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali u dan stante li fl-ebda hin ma kien jew deher wahdu, fl-ebda hin ma jaghmel xi moviment indikattiva jew allacjata mad-droga, l-ebda hin ma gie ppruvat x'kien l-involviment ta' Raymond Grech fil-vettura u/jew tal-persuni li jidhru javvicinaw din il-vettura. Li l-unika persuni li nstabu flus u ponn tal-hadid kien l-ko-imputat Abdullahi Jamale Hassan u li d-droga instabet taht is-seat tieghu bhala passigier fejn kien bilqeghda.

Illi din il-Qorti sejra tibda' biex taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata minn Edward Grech fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) immarkata bhala Dok SZ 12 a fol 28 et sequitur. Fost affarijiet ohra qal li ma jafx x'gara ilbierah u ma jiftakarx u ma jafx kif qieghed hawn. Qal li '*Inbati minn mohhi ghandi il medicina tal-mohh.*' Jichad li jiehu droga u jghid li dalghodu '*Tawni il mistura il methadone u ma tajtunix il-medication. Tawni pillola il polyclinic il bierah.*' Mistoqsi '*Biex infakkruk, ilbierah ghal habta tal- hamsa ta filghaxija gejt arrestat fil marsa, mill-*

*pulizija ghax inti flimkien ma tlieta ohra fosthom abdullahi, it tfajla tieghek Anna u missierek il-pulizija sabulkhom xi boroz suspettati cannabis jew xi droga ohra li kienu taht is-seat f'din il-karozza pegeut 205 abjad numru IAP643, titftakar issa dan li qed nghidulek?'* wiegeb '*ma niftakarx*'. Meta mistoqsi '*Nghidulek sew li kontu qed tbighu id drogi fil-Marsa jew xi postijiet ohra qabel ma arrestawkhom il-pulizija*?' wiegeb li ma jiftakarx x'gara ilbierah, li qam il-lock up u ma jafx xgara. Ma jiftakarx fejn kien qabel ma arrestawhom il-Pulizija. Meta mistoqsi '*Lil Abdullahi kemm il-darba hadtuh maghkom fil-karozza int u missierek biex tbighu id drogi flimkien?*' wiegeb '*Int bis-serjeta?*' Mistoqsi '*Ghaliex qed trrispondi hekk meta ahna qed ninvestigawk ghax kif diga ednilek taht seat li kien qieghed bilqghda fuqu Abdullahi instabu id drogi. X kienu qeghdin jaghmlu dawn id drogi f'din il-karozza allura?*' wiegeb '*m ghandix xi inwiegeb u diga edtilkom.*' Meta mistoqsi '*il karozza tal lbierah li kontu fiha, hija ta misserek?*' wiegeb '*jiena ma nwiegeb ghal hadd.*' Mistoqsi '*Gieli beghet drogi?*' wiegeb '*Qed takkuzani b xi haga?*' Meta mistoqsi '*Il flus li instabu fuq abdullahi li jammontaw il fuq minn €3,000, taf xi haga fuqhom?*' wiegeb '*Lili qed tistaqsi qas ghandi xelin, ma nwiegeb ghal hadd sir.*' Din l-istqarrija mhijiex iffirmata mill-appellant Edward Grech. Huwa kif kellu dritt li jaghmel ghazel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti.

Dwar il-fatt li Raymond Grech missier l-appellant ma tressaqx minkejja li kien ix-xufier prezenti u minkejja li l-vettura hi registrata f'ismu, din il-Qorti ma ghandhiex hafna xi zzid ma dak li gia kkunsidrat fl-appell ta' Anne Axiaq aktar kmieni f'din is-sentenza. Il-fatt li Raymond Grech minkejja li kien ix-xufier u minkejja li l-vettura kienet registrata f'ismu ma tressaqx l-Qorti flimkien mal-appellanti dwar il-kaz odjern ma jiskolpax lill-appellant Edward Grech mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Biss pero' din il-Qorti tissotolinea li minkejja li l-Prosekuzzjoni kellha kull dritt li tezercita d-diskrezzjoni taghha fis-sens li wara li taghmel l-investigazzjoni taghha, tiddeciedi jekk ghandhiex tressaq lil Raymond Grech ukoll, kien ikun ta' beneficcju ghal gustizzja li l-Prosekuzzjoni tindika r-raguni ghala ma resqitux u kif waslet ghal konkluzjoni li huwa ma kienx konnoxenti ta' dak li kien qieghed jigri filwaqt li minn naha l-ohra l-appellant Edward Grech kien.

Kif issottometta l-appellant Edward Grech, jirrizulta li ma nstabet l-ebda impronta tieghu fuq il-borza s-sewda li kienet tikkontjeni d-droga Cannabis. Dan naturalment ma jfissirx li minghajr tali prova, ma giex ippruvat ir-reat li bih gie akkuzat. L-appellant jissottometti li l-fatt li deher hiereg u diehel mill-vettura skont ic-CCTV mhijiex grad ta prova rikjesta fil-kamp penali u dan peress li fl-ebda hin ma kien wahdu, li ma ghamilx moviment indikattiv jew allacjat mad-droga, li ma giex ippruvat x'kien l-involviment ta' Raymond Grech fil-vettura u l-persuni li jidhru javvincaw il-persuni u li l-flus u ponn tal-hadid insabet ghand Abdullahi Jamale Hassan bid-droga taht is-seat fejn kien passigier Hassan. L-Ewwel Qorti qieset li '*Ma nstabu l-ebda impronti digitali ta' Edward Grech izda dan ma jfissirx li ghandu jigi skolpat awtomatikament. Ma jridx jintnesa l-fatt li l-karozza tappartjeni propjru lill-misser l-imputat. Izda aktar minn hekk dak li jirrizulta mic-CCTV footage ma jhallix dubju ta' dak li sehh.*' L-Ewwel Qorti qieset ukoll li '*jidher li l-imputat Edward Grech (li kien libes bl-ahmar) hareg mill-karozza. Anne Axiak u x-xufier tal-karozza ma hargux minn go fiha matul il-hin kollu. Hafna minuti wara Edward Gech jitfacca flimkien mal-imputat l-iehor u ragel iehor. Dan ir-ragel baqa' fuq barra, imbaghad telaq jigri, rega' mar vicin il-karozza u rega telaq jigri. Imbaghad avvicinathom il-karozza tal-pulizija u jirrizulta li dak li xehdu dar l-ufficjali tal-RIU huwa propju dak li sehh ossija li kif indunaw li kien hemm karozza tal-pulizija warajhom ippruvaw jitilqu min fuq il-post. Ma jistax ukoll ma jigix rilevat li waqt li l-karozza kienet wieqfa kien hemm rgiel li avvicinawha, jieqfu, donnhom jistaqsu xi haga u wara ftit jitilqu.*'

L-appellant mhuwiex jichad li jidher fil-przenza ta' terzi u li jidher hiereg u diehel mill-vettura izda jissottometti li ma hijiex grad tal-prova rikjesta fil-kamp penali. Din il-Qorti thoss li hemm numru ta' suspetti dwar l-agir tal-appellant Edward Grech inkluz il-mod ta' kif gab ruhu fit-tehid tal-istqarrija ghal mistoqsijiet fosthom '*Nghidulek sew li kontu qed tbighu id drogi fil-Marsa jew xi postijiet ohra qabel ma arrestaqwhom il-pulizija?*' wiegeb '*Ma niftakarx x gara ilbierah, qomt il lock up u ma nafx x gara.*' Meta mistoqsi '*Li Abdullahi kemm il-darba hadtuh maghkom fil-karozza int u missierek bix tbighu id drogi flimkien?*' wiegeb '*Int bis-serjeta?*' Jew ghal mistoqsija '*Kont tiehu xi drogi?*' wiegeb '*Ma niftakarx x kont niehu.*' Filwaqt li meta mistoqsi '*Gieli*

*beghet drogi?*' wiegeb '*Qed takkuzani b xi haga?*'. Ma hemmx dubju li l-appellant kien hostili fil-mod ta' kif wiegeb il-mistoqsiiet maghmulha lilu fl-istqarrija u kien hemm mistoqsijiet li ghazel li ma jwegibhomx kif kellu kull dritt li jaghmel. Dan l-attegjament izda ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tiprova l-kaz taghha. Il-Prosekuzzjoni tenuta li tressaq l-ahjar prova u trid tipprova l-kaz fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

L-appellant jaghmel referenza ukoll ghall-izball fir-rapport komparattiv tal-espert dwar li '*l-impronti mmarkati bhala "AA" jaqblu mal-impronti elenkati ta' Edward Grech*'. Il-konkluzjoni fir-rapport tal-espert Joseph Mallia li din il-Qorti qiegdha tifhem li l-appellant qieghed jaghmel referenza ghaliha hija fejn ikkonkluda li 'l-*impronti li jidhru żviluppati fir-ritratti dokumenti 18 CKX-C-SG-2 u 18 CKX-C-SG 3 ġew ikkomparati mad-dokuemnt AA 1 formola tal-impronti diġitali u d-dokument AA 2 formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Edward Grech, detentur tal-karta tal-identita numru 569283(M), bir-riżultat fin-negattiv.*' Fejn ghalhekk bhal donnu l-espert Joseph Mallia minflokk ma indika id-dokumenti tal-formoli tal-impronti digitali ta' Edward Grech meta ghamel il-komparazzjoni mal-lifters indika l-formoli tal-impronti digitali ta' Anne Axiaq. Jirrizulta kjarament li dan kien lapsus f'din il-parti tar-rapport u li ma hemmx dubju mir-rapport li ma kien hemm ebda impronta li qablet ma dik tal-appellant Edward Grech izda li instabu impronta ta' Anne Axiaq u Abdullahi Jamale Hassan. Gie pprezentat rapport tal-Ufficjal tal-Probation Sarah K. Bezzina fit-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) a fol 284 fejn fost fatti ohra infurmat lil Qorti li fil-hmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) Edward Grech issottometta ruhu ghal test tal-urina u irrizulta fil-pozittiv ghs-sustanza illecita' tal-kokaina u fin-negattiv ghall-eroina u kannabis. Gie pprezentat rapport iehor mill-Ufficjal tal-Probation Sarah K. Bezzina fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn infurmat lil Qorti li fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) Edward Grech attenda ghall-appuntament u ittiehed kampjun tal-urina li rrizulta pozittiv ghas-sustanza illecita tal-kokaina. Quddiem din il-Qorti tal-Appell Kriminali gie pprezentat rapport tal-Ufficjal tal-Probation fejn fost affarijiet ohra gharfet lil Qorti li fid-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) Edward Grech issottometta

ruhu ghal test tal-urina u t-test irrizulta fil-pozittiv ghas-sustanza tal-kokaina. Ghalhekk jirrizulta li l-appellant Edward Grech ghandu problema tal-vizzju tad-droga izda dan mhuwiex prova li fid-data mertu tal-imputazzjoni huwa kien fil-pussess tad-droga Cannabis. L-istess jinghad dwar il-fatt li mill-fedina penali jirrizulta li fil-passat kien instab hati li kellu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-razi, liema droga instabtet f'tali cirkostanzi juru li ma kinitx ghal uzu esklussiv. Dan izda ma jistax jigi interpretat bhala li l-appellant rega kien f'dan il-pussess fid-data mertu tal-imputazzjoni.

Din il-Qorti meta tqis il-provi kollha prodotti u anke tenut kont tal-fatt li l-appellant Edward Grech ma nstabux impronti digitali fuq il-boroz u ghalhekk ma hemmx rabta mad-droga misjuba ghajr li kien jinsab fil-vettura bhala passigier u li skont dak li kkonstata l-Ewwel Qorti kien diehel u hiereg mill-vettura b'nies javvicinaw il-vettura, ghalhekk din il-Qorti ma tqis lill-appellant bhala kredibbli u ghandha dubji kbar dwar l-agir tieghu, mill-atti ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni waslet ghal grad li trid il-ligi sabiex din l-imputazzjoni tirrizuta. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza tal-Ewwel Qorti lanqas hija safe and satisfactory fil-konfront tal-appellant Edward Grech. Din il-Qorti ghalhekk sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija u fejn ikkundanat piena fil-konfront tal-appellant Edward Grech.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tqis l-appell ta' **Abdullahi Jamale Hassan.** L-aggravji jikkonsistu f'li l-karenza tal-provi ghandha timilita favur it-tezi appellanti, li l-istatement u l-verzjoni ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u l-poprjetaju tal-borza li nstabet ma gie bl-ebda mod identifikat u fl-istess hin assimilat mal-appellant.

L-appellant jissottometti ukoll dwar li l-allegata marka tas-seba' fuq il-borza allegatament kienet tappartjeni lill-appellant. Skont l-appellant, din mhux bizzejjed

biex tigi suffragat l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha dwar il-htija tal-appellant fi grad ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Li l-ezistenza ta' somma ta' flus fuq il-persuna tieghu giet gustifikata mix-xhieda tieghu stess.

Din il-Qorti sejra tibda' billi taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Wayne Camilleri moghtija fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjega li '*Waqt din it-tfittxija jrrizulta li fuq din il-persunata' Jamale Hassan Abdullahi nstabu madwar tlett elef u mitejn (3,200) flus kontanti, instab ukoll arma ponn tal-hadid li giet elevata, umbaghad fil-karozza taht is-seat tal-passigier ta' quddiem, umbghad fil-karozza taht is-seat tal-passigier ta' quddiem, umbaghad fil-vettura li semmejt taht is-seat ta' quddiem tal-passigier fejn kien hemm bilqeghda Jamale Hassan Abdullahi li nstabet borza fejn fiha kien hemm boroz ohrajn li suspett li fiha kien hemm tracci tal-pjanta kannabis.*'

Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobs Plus li xehed fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li ma rrizulta xejn fid-database dwar Abdullahi Jamale Hassan li jfisser li ufficjalment qatt ma hadem hawn Malt. PS991 Alexander Gauci xehed fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) li '*x'hin konna qed nivverfikaw id-dettalji tal-persuni Jamale Hassan Abdullahi beda jghid li jimsu Jamile Hassan u ma kellu l-ebda dokumenti fuqu u beda jghid li ilu himistax (15)-il sena joqghod hawnhekk gewwa Malta u ma kellu l-ebda dokumenti. Dak il-hin x'hin bdejt ir-raport nizziltu kif beda jghid ismu hu pero' mbaghad aggornajt ir-rapport u mill-istharrig li ghamilna jrrizulta li jismu Jamale Hassan Abdulahi bil-karta tal-identita' 43988A.*'

Jamale Hassan Abdullahi permezz tal-istqarrija rilaxxata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) esebita a fol 32 et sequitur bhala Dok SZ 14 mistoqsi dwar is-somma ta' il-fuq minn tlett'elef ewro li nstabet fuqu qal li '*nahdem inbajjad, niksi u l- flus inzommhom fuqi ghax ma ghandix kont il-bank.*' Mistoqsi x'kien qieghed jaghmel fil-karozza ma dawn it-tlieta, wiegeb li '*ltaqghu mieghi l-Marsa l-bierah fejn l- ghassa ezatt qabel ma qabduni l-pulizija u rikbuni fil- karozza sabiex iwasluni l-Gzira.*' Mistoqsi jekk jafhomx, wiegeb '*Tnejn minnhom, it- tfajla u l- guvni nafhom ghax gieli rajthom l- Gzira u lix-xih rajtu first time yesturday.*' Mistoqsi jekk riekeb l-ewwel

darba f'din il-karozza qal '*Iva max- xih l-ewwel darba*' Jghid li d-droga ma kienx jaf biha. Mistoqsi jekk it-tfajla u l-guvni gieli tellawh f'karozzi ohrajn qal li '*Iva gieli waqfuli biex iwassluni xi mkien l- ahhar two weeks ego*.' Cahad li ilbierah kienu ser ibieghu jew li qed ibieghu d-drogi li nstabu fil-karozza. Ma kienx jaf bid-droga taht is-seat u cahad li s-somma gejja mill-bejgh ta' droga. Jghid li kien se jwassluh il-Gzira qabel ma arrestawh il-pulizija.

L-appellant Jamale Hassan Abdullahi ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019). Ikkonferma li kien fil-vettura ma' Edward Grech, Anne Axiak u missier is-Sur Grech. Missier Edward Grech kien qieghed isuq. Spjega li kien fuq wara u mbghad mar fuq quddiem. Iltaqa maghhom ghax tawh lift ghal Gzira. Gabruh mill-Marsa hdejn il-Knisja. Spjega '*U jien kellimtu wassalni l-Gzira. Bdejt please please wassalni.*' Sakemm riekeb u gew il-Pulizija baqghu fl-istess post. Ma kellu xejn f'idejh meta dahal fil-karozza. Fuq is-seat ta' fejn instabet id-droga taht kien hemm persuna ohra qabel u telaq, ma jafx min hu. Lil persuna l-ohra qatt ma kien raha. Spjega izda li din il-persuna kienet barra mhux gewwa l-karozza. Fix-xhieda tieghu jghid li jahdem '*Just bejt, clean something like this*' meta mistoqsi dwar kif gew ghandu l-flus. Is-somma kienet ila ghandu sitt xhur. Ikkonferma li jzommhom fuqu. Interessanti li l-Ispettur Spiridione Zammit fix-xhieda tieghu tal-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*U hu kien qalilna li hu jahdem xi kultant ibajjad u jkahhal u dik is-somma ta' flus li kellu fuqu kien qed izommhom fuqu ma tahx spjegazzjoni aktar minn hekk. Rigward l-affarijiet misjubin kien qalilna li ma kien jaf xejn fuqhom. Pero' mbaghad rigward Raymond Grech ahna staqsejnih jafux lil missier l-Imputat tan-nofs missier Edward minn hemmhekk qalilna li kien rah l-ewwel darba u ghalhekk ahna staqsejnih kif spicca fil-karozza mieghu u hemmhekk qalilna li ltaqghu mieghu l-Imsida.*' L-Ispettur Wayne Camilleri fix-xhieda tieghu tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed ukoll li '*Meta gie mistoqsi rigward il-flus li sibna fuqu jikkonferma li huma tieghu u qalilna li kellu daqshekk flus fuqu qalilna li ghax kienu ha jwassluh il-Gzira biex jikri xi post hemmhekk. Meta aktar staqsejnih minfejn gabhom qalilna li hu ma jahdimx pero' gieli kultant ghamel xi xoghol ta' kisi u hekk.*' Il-kwistjoni jekk il-flus kienux ghal xi kirja ma tissemmiex fl-istqarrija tieghu. Fl-

istqarrija nsista li ma jafx ta' min hi il-borza li sabu taht is-seat. In kntro-ezami qal li l-persuna l-ohra kienet barra, qal li '*Qabel jien tkellimt ghidtlu please wassalni. Lix-xih jiena ma nafhux fhimt. In-nies wara, jiena mort wara tkellimt u orajt u mort in front.*' Spjega li '*mort gewwa, jiena kellimt please wassalni u dak qal orajt u jiena mort in front.*' Ikkonferma li kellu arma tal-ponn tal-hadid li sab '*in the rubbish, I keep it.*' Kien zamma ghal tlett gimghat. Ikkonferma li ma kienx ra l-borza qabel u ma kienx messa. Qal li '*In my life I don't touch drugs.*' Dwar li ma huwiex registrat mal-ETC qal '*Me I don't have house, I don't know nothing. If ...., I don't have permess because I don't have nothing.*'

PC 71 Ayrton Agius Difesa li xehed quddiem Dottor Anthony Cutajar LL.D fl-atti tal-inkjesta spjega li '*Kif dawn il-persuni rawna ser induru, qishom dehru mahsuda u starjtaw il-vettura u kif ahna rajnihom ser jirriversjaw, jien, li kont qed insuq il-vettura tal-korp, mort wara l-vettura w imblukkajthom ghax gieni suspett li kellhom xi haga llegali fuqhom.*' Spjega li '*Dak il-hin PC 1406 Kurt Rizzo, mar hdejn it-tieqa tal-vettura tax-xufier u qallu biex jitfi l-vettura w ordnalu biex ma jsuqax, u ordna lil passigier li kien fuq quddiem li kien ta' karnaggjon skur, biex johrog mill-vettura.*
*Dan il-persuna qisu sar aggressiv fis-sens li beda jimbotta lil PC 1406 u beda jghajjat.*' PC 1406 Kurt Rizzo li xehed ukoll quddiem Dr Anthony Cutajar fl-atti tal-inkjesta fejn qal li '*Jien inzilt u mort hdejn ix-xufier biex inkellmu u nispjegalu li kien ipparkjat hazin u sabiex naccerta ruhi li ma kien hemm xejn oltre dan.*

*Waqt li qed inkellmu, il-passiggier li kien fuq is-seat ta' quddiem, u li kien ta' karnaggjon ta' lewn skur, rajtu ecitat hafna u beda jghid 'let's go, let's go home' u jien dak il-hin aktar ikkonfermajt is-suspett li seta' kien hemm xi haga llegali.*' Spjega li '*Dort u mort hdejn it-tieqa tieghu u tlabtu johrog mill-vettura biex inkellmu u kif hareg, tlabtu biex inehhi l-affarijiet mill-bwiet u dak il-hin hareg minn kull but, ammont sostanzjal ta' flus kontanti u ponn tal-hadid. Tlabtu jaghtini l-flus u l-ponn tal-hadid izda rrifjuta u beda jsir aggressiv w ghalhekk, bl-ghajnuna ta' PC 71 immanettjajnih.*'

Skont ir-rapport tal-Pulizija u senjatamant a fol 21 '*FIL-VETTURA INSTABET BORZA TA' KULUR ISWED TAHT IT-TAPIT (NAHA TAL-PASSIGIER) HEKK KIF*

*FETAHA FIJA INSTABET SUSTANZA LI TIDHER LI KIENET CANNABIS.*' Filwaqt li L-Ispettur Wayne Camilleri fix-xhieda tieghu tas-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) jghid li '*taht is-seat ta' quddiem tal-passigier fejn kien hemm bilqeghda Jamale Hassan Abdullahi nstabet borza fejn fiha kien hemm boroz ohrajn li suspett li fiha kien hemm tracci tal-pjanta kannabis.*' PS 991 Alexander Gauci li xehed fis-sebgha (7) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehed li '*Hekk kif saret din it-tfittxija nstabet borza taht it-tapit fuq quddiem in-naha tal-passigier instabet borza sewda fejn hekk kif fetahha PC142 Joseph Camilleri nstabet sustanza ta' kulur kannella li x'aktarx kienet kannabis. Dak il-hin x'hin kont hemmhekk jiena vverifikajt din il-borza jigifieri rajtha kienet qeghda fuq is-seat..*' PC 142 Joseph Camilleri stazzjonat l-RIU quddiem Dottor Anthony Cutajar LL.D fl-atti tal-inkjesta xehed li '*taht it-tapit taghha, in-naha tal-passigier ta' quddiem, sibt borza sewda u fiha kien hemm sustanza qisha cannabis.*' PC 71 Aryton Agius Difesa ukoll stazzjonat l-RIU fl-atti tal-inkjesta quddiem Dottor Anthony Cutajar LL.D xehed li '*Nghid li wara is-search fuq il-persuna ta' karnaggjon skur, waslu fuq il-post PC 142 u PC 971 u saret tfittxija fuq it-tlett persuni l-ohra li rrizultat fin-negattiv u waqt tfittxija fil-vettura PC 142 sab borza sewda mimlija sustanza suspettata droga.*' PC13 Gordon Attard li xehed fit-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehed kif '*Sakemm konna hemmhekk il-Pulizija spiccaw fl-imsemmija karozza fejn taht is-seat tal-passiggiet instabet borza sewda li x'hin miftuha kien hemm ammont kbir ta' sustanza li kienet tidher illegali.*' Uhud mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' ufficjali tal-Pulizija jghidu li l-borza instabet taht it-tapit tal-passigier ta' quddiem u uhud ufficjali tal-Pulizija ohra jghid li instabet taht is-seat tal-passigier ta' quddiem.

Din il-Qorti tistaqsi jekk din il-persuna ma kellha xejn x'tahbi ghala dehret ecitata u ghala agixxiet b'mod aggressiv meta mitluba mill-Pulizija tal-RIU l-flus u l-ponn tal-hadid? Sar aggressiv ghax il-Pulizija tallbuh jaghtihom il-ponn tal-hadid u l-flus jew ghal kien jaf bid-droga mohbija? Kien ecitat minhabba li kien konnoxenti tad-droga li kienet taht is-seat jew taht it-tapit jew ghax kellu fil-pussess tieghu ponn tal-hadid? Ghala beda jghid '*let's go, let's go home?*' X'kellu x'jahbi? Minn tant nies talab lift minghand l-appellanti l-ohra li kumbinazzjoni kien diga ha lifts ohra qabel minghandhom skont dan l-appellant stess? Kienet telghet persuna ohra fil-karozza

jew ma telghetx? Abdullahi Jamale Hassan Mistoqsijiet li ma ghandhiex twegibiet ghalihom.

Mir-relazzjoni ta' Joseph Mallia jirrizulta li instabet impronta tal-appellant Abdulahi Jamale Hassan fuq il-borza s-sewda. '*l-impronta li tidher żviluppata fir-ritratt dokument 18 CKX-C-SG 3 ġiet ikkomparata pożittivament u għalhekk hija identika mal-marka tas-saba tan-nofs tal-id ix-xellugija (rolled impression) ta' Jamal Hassan Abdulahi, detentur tal-karta tal-identita numru 43988 (A).*' L-apppellant ma ta' l-ebda spjegazzjoni ta' kif l-impronta digitali tieghu spiccat fuq il-borza s-sewda li fiha kien hemm id-droga cannabis. Ghalhekk il-fatt li instabet l-impronta tieghu fuq il-borza s-sewda hija prova cirkostanzjali. Kif gia kkunsidrat f'din is-sentenza, sabiex prova cirkostanzjali twassal ghal htija trid tkun prova li twassal biss ghal htija u ma thalli l-ebda possibilta' ohra. In oltre' il-Prosekuzzjoni trid tipprova li mhux biss instabet impronta fuq il-borza ta' barra izda li li jigi pruvat ness bejn l-appellant u l-kontenut tal-borza u cioe' d-droga Kannabis. Fl-appell tieghu, l-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Darren Buhagiar] vs Simon Borg'**[18]. F'dik is-sentenza gie kkunsidrat li:

'*Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal- Qorti li tizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.*

*Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.*

*Illi l-Qorti tinnota li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza biex jirribatti din ir-rizultanza xjentifika jew almenu jaghti spjegazzjoni ta' kif l-impronta tieghu spiccat fuq il-*

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-8 ta' April, 2019 (Kumpilazzjoni Numru: 1157/12)

*vettura tad- derubat. Difatti l-imputat lanqas ressaq provi in difiza.*

*Minkejja dan il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza fit-30 ta' Novembru 2004 fejn qalet li: "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac- cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l- impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal- kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."*

*Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li l-lifters bl-impronti digitali li gew elevati mill-vettura inkwistjoni ttiehdu minn post pubbliku ghaliex il-lifters ittiehdu min-naha ta' barra tal-bieba tal-vettura. Konfrontata b'din il-prova wahda u l-fatt li l-post fejn instabet l- impronta tal-imputat kien proprju post pubbliku u mhux gewwa l-vettura tad-derubat, il-Qorti mhijiex konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li tali impronta saret mill-imputat fil-kors tal-kommissjoni tar-reat li bih jinsab akkuzat.*

*Illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d- dubju dettat mir-raguni l-ghaliex ma tatx is-serhan tal-mohh illi l-impronta digitali tal-imputat li nstabet fuq il-vettura kienet tippunta biss ghal direzzjoni wahda u cioe` dik li l-imputat kien involut fis-serqa tal-istess vettura. L-imputat seta' kien involut indirettament mal-vettura inkwistjoni u mhux fis-serqa per se.'*

Ghalhekk din il-Qorti trid tqis jekk il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienux tali li ma jhallux dubju ragonevoli li l-appellant kellu fil-pussess tieghu d-droga Cannabis li ma kinitx ghal uzu esklussiv tieghu. Din il-Qorti ghalkemm ghandha quddiemha l-fatt li l-appellant kien ecitat meta gew avvicinati mill-Pulizija, li l-appellant kien aggressiv meta gie mitlub biex jghaddi l-flus u l-ponn tal-idejn lil Pulizija, li instabet

impronta tieghu fuq il-borza minghajr ma hemm spjegazzjoni ghal dan apparti suspetti ohra dwar dak li kien qieghed jigri fil-karozza u madwar il-karozza ftit qabel ma twaqqfu mill-Pulizija, din il-Qorti xorta wahda baqalha dubju ragonevoli dwar ir-rabta tal-appellant mal-kontenut tal-borza. Il-Prosekuzzjoni kellha tipprova x'rabta l-appellant kellu mal-kontenut tal-borza. Ghalkemm jirrizulta ukoll li instabet is-somma ta' tlett'elef u tlett mitt ewro (€3300) fuqu meta huwa ma kienx registrat li qieghed jahdem u li l-appellant spjega li dawn kienu ilhom ghandu ghal madwar sitt (6) xhur u l-provenjenza kienet mix-xoghol li kien jaghmel, il-Qorti temfasizza li l-fatt li instabet somma sostanzjali fuqu ma jfissirx li necessarjament din kienet gejja mill-bejgh jew attivita' relatata mad-droga. Ghalkemm ufficjalment l-appellant ma kienx registrat li qieghed jahdem dan ma jfissirx li huwa ma hadimx illegalment jew li s-somma ma kelliex provenjenza illegali ohra. Ghalhekk din il-prova cirkostanzjali lanqas ma hija ekwivoka. Din il-Qorti ma tistax tinsa li din ma kinitx l-ewwel darba li riekeb mal-appellanti l-ohra, li ghalkemm l-impronta instabet fuq il-borza ta' barra, dan ma jfissirx li kellu konnessjoni ma' dak li kien hemm gewwa u cioe' d-droga u ghalhekk prova cirkostanzjali ohra li ukoll tista' twassal ghal toroq differenti u mhux necessarjament dik ta' htija. Din il-Qorti tipreciza li filwaqt li jirrizulta car li d-droga certament li ma kinitx ghal uzu esklussiv ta' persuna wahda biss u dan tenut kont tal-ammont misjub, biss pero' il-Prosekuzzjoni kien jehtiegilha provi ahjar sabiex torbot lill-appellant ma dak li kien hemm fil-borza li fuqu instabet l-impronta li taqbel ma tieghu. Ghalhekk gialadarba li ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni ippruvat in-ness tal-appellant mad-droga misjuba, din il-Qorti sejra tirrevoka fejn il-Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe' li kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u li nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Din il-Qorti sejra izda tikkonferma htija tal-fatt li l-appellant kellu fil-pussess tieghu arma projbita u cioe' ponn tal-hadid u li ghalhekk huwa recediv u dan skont ma jirrizulta fis-sentenza esebita fol 73 u cioe' dik datata l-wiehed u ghorin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn kien gie kkundannat xahar prigunerija u fejn

minn din is-sentenza jirrizulta li n-numru tal-karta tal-identita' li tidher fuq is-sentenza u dik tal-appellant hija l-istess.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti gialadarba qieghda tirrevoka fejn il-Qorti sabet htija tal-ewwel (1) imputazzjoni rigwardanti l-pussess aggravat tad-droga Cannabis, sejra tqis il-piena li ghandha tigi inflitta fil-konfront ta' Abdullahi Jamale Hassan rigwardanti l-pussess tal-ponn tal-hadid bhala arma projbita u r-recediva.

Din il-Qorti tqis il-fatt li din l-arma hija wahda projbita skont il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta ukoll li l-appellant mhux biss huwa recediv izda li ghandu fedina penali refrettarja tant li xellef diefru mal-gustizzja diversi drabi. Ghalhekk tenut kont ta' dan, din il-Qorti sejra tikkundanna lill-appellant ghal sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appelli ta' Anne Axiaq u ta' Edward Grech u ghalhekk thassar u tirrevoka fejn il-Qorti sabithom hatja u minflokk tilliberahom minn kull htija u piena. Fil-konfront ta' Abdullahi Jamale Hassan, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' limitatament l-appell tieghu u thassar u tirrevoka fejn l-appellant instab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni rigwardanti l-pussess ta' droga Kannabis f'cirkostanzi mhux ghal uzu esklussiv tieghu u ghalhekk tilliberah minnha, tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u cioe' li kellu fil-pussess tieghu arma projbita u cioe' ponn tal-hadid u tat-tielet imputazzjoni rigwardanti r-recediva. Ghaldaqstant thassar u tirreoka fejn l-Ewwel Qorti kkundannatu ghal piena ta' tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija effettivi u ghal hlas ta' multa ta' elf ewro (€1000) u ghal hlas ta tmien mija u erbgha u ghoxrin ewro u tlett centezmi (€824.03) rapprezentanti porzjon tal-hlas tal-esperti nominati kif ukoll in konfiska tat-tlett'elef u tlett mitt ewro (€3,300) u

minflokk tikkundanna lil Abdullahi Jamale Hassan ghal piena ta' sitt xhur priguņerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li kien taht arrest preventiv. Il-Qorti tordna ir-rilaxx tas-somma tat-tlett'elef u tlett mitt ewro (€3,300) favur Abdullahi Jamale Hassan.

Il-Qorti tikkonferma l-ordni ghar-rilaxx tal-*mobiles* esebiti in atti, tikkonferma ukoll l-ordni tal-konfiska tal-ponn tal-hadid[19] kif ukoll l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga esebita in atti u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

[19] CW2